Minuti tal-74 (erba` u sebgħin) laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret nhar il-Ġimgħa 30 ta' Novembru 2012 fis-Sala tal-Komunità. Bdiet fil-5.45p.m.

Prezenti għall-laqgħa:

Sindku: Is-Sur Saviour Borg

Kunsilliera: Is-Sur Lorry Apap
Is-Sur Horace Micallef

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv: is-Sur Louis Stefan Magrin

Is-Sur Anthony Borg u s-Sur Victor Cefai talbu jkun skużati minħabba raġunijiet personali relatati ma mard.

## 1. Talba

1.1 Il-laqgħa kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Saviour Borg. Bdiet b'talba mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

1.2 Il-Kunsill għamel minuta silenzju bħala turija ta' rispett lejn il-vitmi tal-kamra tan-nar li taret dan ix-xahar u li tnejn mill-erba` kienu minn din il-lokalita`.

## 2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Il-Minuti tal-laqgħa numru 72 li saret nhar il-Ħamis 27 ta' Settembru kienu tqassmu qabel u għalhekk ġew mgħoddija bħala moqrija u approvati unanimament. Is-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti. Il-Minuti tal-Laqgħa li saret f'Ottubru kienu għadhom mhux lesti.

## 3. Korrispondenza

### 3.1 Memos

3.1.1 Memo 41/2012: Mistoqsija Parlamentari Numru 37719 fejn il-Kunsill qed jiġi mistoqsi kemm tlestew toroq bejn l-1 ta' Marzu 2008 u l-31 ta' Ottubru 2012 mill-Kunsill waħdu, jew taħt xi skema, jew xi proġett speċjali bejn il-Kunsill u l-Gvern Ċentrali, jew toroq ġodda residenzjali li ma kienux jeżistu qabel. Il-Kunsill irrisponda li ma saret l-ebda triq, taħt l-ebda metodu mistoqsi.

3.1.2 Memo 42/2012: Tikkonċerna r-responsabiltajiet tas-Segretarji Eżekuttivi li huma stipulati fl-Att tal-Kunsilli Lokali (Kap 363).


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

3.1.3 Memo 43/2012: Tirrigwarda konfernza nazzjonali bit-tema 'Mobilta` Sostenibli F'Malta – Riċerka dwar it-Trasport fil-Prattika' organizzata mil-Istitut għall-Iżvilupp Sostenibli tal-Universita` ta' Malta.

3.1.4 Memo 44/2012: Titratta laqgħa ta' konsultazzjoni dwar it-traspożizzjoni tad-Direttiva 2012/19/UE dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku. Din ġiet organizzata b'kollaborazzjoni bejn il-*MEUSAC* u l-*MEPA*. Is-Sindku irrimarka l-fatt li wieħed għandu jara xi tgħid il-liġi biex il-Kunsill ikun jista jiddispondi min oġġetti eltroniċi li ma humiex f'kundizzjoni li jistgħu jerġgħu jintużaw.

3.1.5 Memo 45/2012: Il-Gvern ser iniedi 'Skema ta' Finanzjament ta' Inizjattivi Speċjali 2013' lill-Kunsilli Lokali u lill-Kumitati Amministrattivi. Din l-iskema ser tkun tammonta għall-massimu ta' nofs l-ammont tal-valur stmat li ma jkunx jaqbeż il-€15,000 lil kull Kunsill Lokali u lil kull Kumitat Amministrattiv. Ser jiġu magħżula l-aħjar seba' proġetti biex jingħataw din l-għajnuna. L-applikazzjonijiet iiridu jintbagħtu sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa 14 ta' Diċembru 2012. Il-Kunsill iddeċieda li japplika biex isir il-madum tal-bejt tat-Tieni Fażi taċ-Ċentru Ċiviku,

3.1.6 Memo 46/2012: Rappreżentanti mill-Kunsill tal-Ewropa ser jorganizzaw jumejn ta' taħriġ fuq metodoloġija parteċipattiva u kollaborattiva li l-miri tagħha hi l-koeżjoni soċjali, definita bħala l-kapaċita`tas-soċjeta` biex tipprovdi l-benesseri għal kulħadd, inkluż il-ġenerazzjonijiet futuri permezz tal-ko-responsabilta` tal-partijiet pubbliċi u privati. Din ser issir nhar it-3 u 4 ta' Diċembru 2012 fid-Dolmen Resort Hotel, Qawra.

3.1.7 Memo 47/2012: Mistoqsija Parlamentari Numru 38475 fejn il-Prim Ministru ġie mitlub jagħti tagħrif dwar liema Kunsilli Lokali għandhom persuni impjegati jew fuq bażi kuntratwali biex jagħmluha ta' *events coordinators*. Il-Kunsill wieġeb li ma għandux persuni ingaġġati għal dan il-għan.

3.1.8 Memo 48/2012: Mistoqsija Parlamentari Numru 38470 fejn il-Kunsilli qed jiġu mitluba jagħtu l-ammont ta' *working capital* għal-perjodu li jkopri mill-aħħar tal-2011 sa' Settembru 2012 u kif inbidlu f'kull kwart tal-perjodu imsemmi. Il-Kunsill Lokali wieġeb li din l-informazzjoni mhix disponibli f'dan l-istadju.

3.1.9 Memo 49/2012: Għall-ħames sena konsekuttiva qed titnieda l-Iskema dwar Inizzjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet 2013 bl-iskop li titħeġġeġ aktar parteċipazzjoni fl-attivita` sportiva u fiżika fil-lokalitajiet madwar Malta u Għawdex. Din l-applikazzjoni trid tintbagħat sat-Tlieta 18 ta' Diċembru 2012. Il-Kunsill qabel biex issir l-applikazzjoni.

3.1.10 Memo 50/2012: Mistoqsija Parlamentari Numru 38554 fejn il-Kunsilli ġew mitluba jgħidu jekk qabel l-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali ta' Marzu 2012 ipproġettawx nefqa li hija akbar mid-dħul li għandhom. Il-Kunsill


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

irrispondi iva peress li fil-*business plan* huwa ipproġettat aktar infiq minħabba numru ta' proġetti infrastrutturali li għaddej bihom.

3.1.11 Memo 51/2012: Mistoqsija Parlamentari Numru 38555 fejn il-Kunsilli ġew mistoqsija jekk f'dawn l-aħħar sentejn sarx xi investiment fuq il-binja tal-Kunsill u jekk il-Kunsill bidilx il-binja, kif ukoll jekk il-kamra sanitarja hijiet aċċessibli għal-ħaddiema bi bżonnijiet speċjali. Il-Kunsill wieġeb li f'kull każ ir-risposta hija iva.

3.1.12 Memo 52/2012: Mistoqsija Parlamentari Numru 38556 fejn il-Kunsill ġie mistoqsi jekk kellux kuntratti ta' servizzi skaduti qabel l-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali ta' l-2012, kif ukoll dawn li qed jipprovdu dan is-servizz li għalih skada l-kuntratt humiex qraba ta' xi kunsillier. Fil-każ ta' kuntratt skadut il-kunsill wieġeb iva iżda fil-każ ta' xi qraba r-risposta kienet le.

Fuq dan il-każ s-Sindku fakkar li dan il-Kunsill għadu qed jistenna risposta mill-Avukat tiegħu Dr Samuel Azzopardi dwar l-offerta tal-kuntratt tal-ġbir tal-iskart li kienet ħarġet, jekk din hix valida, jiġifieri jekk l-offerta għandhiex terġa toħroġ jew le.

3.1.13 Memo 53/2012: Mistoqsija Parlamentari Numru 38552 fejn il-Kunsill ġie mistoqsi jekk kienx hemm xi spiża relatata mal-bini ta' bankini u servizzi oħra anċillari taħt l-iskema *Private Public Partnership*. Il-Kunsill wieġeb fin-negattiv peress li ma kienx hemm.

3.1.14 Memo 54/2012: Mistoqsija Parlamentari Numru 38639 fejn il-Kunsill ġie mistoqsi jekk ibbenefikax mill-iskema tal-*Public Private Partnership* għat-toroq. Il-Kunsill wieġeb fin-negattiv.

## 3.2 Korrispondenza

3.2.1 Il-Moviment Kerygma bagħtu notifika li ser jorganizzaw l-Premju Żagħżugħ tas-sena. Min jixtieq jinnomina lil xi ħadd għandu jagħmel dan sa mhux aktar tard mis-7 ta' Diċembru 2012.

3.2.2 E-mail mingħand is-Sur Kevin Azzopardi mill-Kulleġġ Stella Maris fejn qed jirringrazzja lis-Sindku ta' l-akkoljenza tiegħu meta ġew t-tfal iżuru l-Għajn il-Kbira, x-xelter u Wied il-Lunzjata.

3.2.3 E-mail mingħand l-Assoċċazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward appell maħruġ mill-*Caritas Malta Epilepsy Association*. Dawn qed jitolbu biex dwal tal-Milied li jitwaħlu fit-toroq jekk jista jkun dawk li jpettpu ma jkollhomx frekwenza ta' bejn 16-25Hz peress li dawn jaffettaw lil min ikun ibagħti min din il-marda. Jidher ukoll li hawn madwar 4000 persuna li jbagħtu min din il-kundizzjoni f'Malta.

3.2.4 E-mail mil-Awtorita` Maltija għat-Turiżmu fuq proġett tal-Unjoni Ewropeja li jismu *Accessible Culture for All* li bħalissa l-Hotel Calypso qeda parteċipi fih. F'dan il-proġett qed jiġu esplorati l-modi ta' kif jiżdied it-turiżmu f'Għawdex fix-xhur il-bagħtuti. Sar *information Seminar* il-Belt Valletta nhar il- Ġimgħa 16 ta' Novembru 2012.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

3.2.5 E-mail mingħand l-Assoċċazzjoni tal-Kunsilli Lokali fuq seminar mal-Kummissarju tal-Films ta' Malta li sar nhar it-Tnejn 12 ta' Novembru 2012. L-Għan hu ta' kif il-Kunsilli jistgħu jkomplu jagħtu l-għajnuna tagħhom f'din l-industrija.

3.2.6 E-mail mill-GreenMT fuq il-ġbir ta' l-iskart separat dak inhar tal-Milied li peress dan ser jaħbat it-Tlieta, li hija l-unika ġurnata fil-ġimgħa tal-ġbir, dan ser isir l-għada, jiġifieri l-Erbgħa 26 ta' Diċembru 2012. Dan japplika wkoll fil-każ ta' l-ewwel tas-sena, jiġifieri ser jinġabar l-Erbgħa 2 ta' Jannar 2012. Is-Sindku qal li importanti li l-Kunsill joħroġ avviż minħabba dan it-tibdil temporanju.

3.2.7 E-mail min Fr Giovanni Curmi fejn qed jgħid li bejn il-5 u l-15 ta' Diċembru, l-Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent ser torganizza Kors ta' Spiritwalita' u Formazzjoni fuq Żvilupp Sostenibli f'Għawdex. Dan huwa parti mill-programm tas-Sena tal-Fidi.

3.2.8 E-mail mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali rigward stedina għall-okkażżjoni ta' attivitajiet għall-pubbliku biex jitfakkar il-Jum Marittimu Ewropew 2013. Dan biex min hu interessat li jorganizza xi attivita` tkun inkluża fil-programm ta' attivitajiet. Il-proposti għandhom jintbagħtu sat-Tnejn 31 ta' Diċembru 2012.

3.2.9 Mistoqsija Parlamentari Numru 38173 mill-Onor. Justyne Caruana fejn qegħda tistaqsi għalfejn is-sitwazzjoni għadha l-istess fir-rigward ta' Triq San Martin, jiġifieri l-materjal li qed jinġar min Trejqet il-Harrub u dan wara li ingħatatilha l-assigurazzjoni li s-sitwazzjoni kienet ser titranġa. Il-Kunsill reġa` għal darb'oħra irrimarka li l-problema qegħda tinħoloq tort tas-sitwazzjoni li tinsab fih Trejqet il-Ħarrub li tiġi biswit Triq San Martin u li din t-Trejqa taqgħa taħt r-responsabilta' tal-Gvern Ċentrali.

3.2.10 E-mail mingħand is-Sinjura Martina Caruana li qegħda tgħid illi għandha kumpanija taż-żfin tal-Karnival. Qeda titlob biex jekk isir karnival fil-lokalita' tal-Fontana tingħata l-opportunita` li tipparteċipa. Il-prezz hu ta' €200 għal kull eżebizzjoni.

3.2.11 E-mail mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fejn qed jintbagħat messaġġ maħruġ mis-Sur Robert Mizzi li huwa Chairman tal-Malta Libraries' Council dwar Jum il-Libreriji.

3.2.12 E-mail mingħand is-Sur Lukasz Busk, Pollak li lest li jofri s-servizzi tiegħu meta tkun ser tittella xi attivita` kulturali. Fost numru ta' affarijiet huwa qed jgħid li għen lil Kunsill Lokali tal-Floriana biex ġie imtella l-*Malta Mechanized Ground Fireworks Festival*.

3.2.13 E-mail mill-Kunsill Lokali tal-Imtarfa fejn qed jgħidu li ser imtella *Christmas Market* fit-13 ta' Diċembru 2012 bejn id-9.00 am u 6.00 pm.

3.2.14 E-mail mill-Waste Serv rigward it-tnedija ta' sit elettroniku ġdid bl-isem www.reuse.com.mt minfejn in-nies ikunu jistgħu jakwistaw oġġetti li jkunu ser jiġu mormija bħala *bulky refuse*.


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

3.2.15 E-mail mill-Kunsill tal-Volontarjat li tikkonċerna numru ta' laqgħat li ser isiru fil-Lokalitajiet biex jgħinu lill-organizzazzjonijiet volontarji. Dawn ser isiru kull ħmistax u ser jibdew min nhar it-Tnejn 14 ta' Jannar 2013.

3.2.16 E-mail mill-MEUSAC. Din ġiet segwita b'Memo mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali biex il-Kunsilli jattendu Seminar li kien organizzat mill-MEUSAC stess nhar il-Ġimgħa 23 ta' Novembru 2012 fuq l-Strateġija Ewropeja 2020. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv attenda għal din il-laqgħa.

3.2.17 E-mail mill-Kunsill Nazzjonali Persuni b'Diżabilta` li tikkonċerna l-programm ta' Konferenza li ser issir nhar it-Tnejn 3 ta' Diċembru 2012.

3.2.18 Intbagħat kwestjonarju mill-Assoċċazzjonni tal-Kunsilli Lokali fuq il-kwalita` tat-trasport pubbliku fil-Lokalitajiet. Din kienet segwita min laqgħa li saret għas-Sindki nhar t-23 ta' Novembru ġewwa Corinthia Palace Attard. Dan il-kwestjonarju imtela u intbagħat kif kien mitlub.

3.2.19 E-mail mill-MEUSAC fuq laqgħa li ser tagħmel fl-10 ta' Diċembru 2012 ġewwa l-Kottonera Sports Complex biex tippromwovi programmi tal-Unjoni Ewropeja li huma immirati għal-inklużjoni soċjali.

3.2.20 E-mail mill-Assoċċazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn qed jiġu indikati rotot li wieħed jista jmur isuq ir-rota fihom fuq mappa ta' din il-lokalita`.

3.2.21 Intbagħtet ittra lill-Kappillan fejn qed jiġi infurmat li l-Kunsill qed jinkariga l-Għaqda ta' l-Armar biex iżejnu t-toroq għal-żmien il-Millied. Fl-ittra ġie iċċarat biex din is-sena tintrema` l-kitba 'Il-Milied u s-sena t-tajba'.

3.2.22 Ċemplet Mary Galea mill-*YELLOW PAGES* fejn qed joffru lil Kunsill biex fl-avviż iżid ukoll l-website u l-email għal-prezz ta' €26.40 fis-sena għal-kull waħda minnhom, jiġifieri għal total ta' €52.80 fis-sena. Il-Kunsill ma aċċettax.

3.2.23 E-mail mill-Uffiċċju tal-Koordinatur dwar id-Diżabilta` f'Għawdex. Anness kien hemm invit lis-sindku għal-programm tas-sena li ser jittella nhar it-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012 fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum ir-Rabat Għawdex.

3.2.24 Inbagħtet e-mail lis-Sur Riolo tal-Water Services Corporation biex jiġu imsewwija numru ta' *mains* tal-ilma li reġgħu inkixfu. Dan ħalli ma issirilhomx ħsara li tista tkun ta' inkonvenjent għar-residenti tal-Fontana.

3.2.25 E-mail mil-Għaqda Mużikali San Ġużepp ta' Ħal Għaxaq. Ser tittella wirja ta' *crafts* bejn l-14 u s-16 ta' Diċembru 2012.

3.2.26 E-mail mill-Assoċċazzjonni tal-Kunsilli Lokali dwar l-ewwel seminar tal-*ECVET Experts* li ser jittella nhar l-Erbgħa 5 ta' Diċembru 2012 fid-8.45am fil-Golden Tulip Vivaldi Hotel.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

3.2.27 Ittra mibgħuta mill-MEPA fejn il-Kunsill qed jiġi infurmat li l-garanzija bankarja tal-proġett tax-xelter ser jagħmel tajjeb għalija l-Gvern, jiġifieri l-ammont li tħallas bħala garanzija bankarja irid jiġi rifuż. Fl-ittra ġie mitlub ukoll biex il-Kunsill jinnotifika lill-MEPA li l-kundizzjonijiet li hemm imniżla fil-permess qed jiġu osservati ħalli l-garanzija bankarja tiġi imħollija lura lill-Gvern.

### 3.3 Ilmenti

3.3.1 Ilment imressaq mis-Sinjura Maria Cassar li toqgħod f'numru 17 fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili fejn qegħda titlob biex isiru s-sinjali bojod tal-parking peress li kulħadd qed jipparkja bl'addoċċ inkluż quddiem il-garaxxijiet. Is-Sindku irrimarka li dawn is-sinjali meta saru kellhom jitħasru għax kien hemm min oġġezzjona.

3.3.2 Ilment imressaq mis-Sinjura Pawlina Portelli li toqgħod fil-fond kantuniera bejn Triq il-Kappillan Ġużepp Hili u Triq il-Għajn. Hi qegħda titlob biex quddiem din il-kantuniera imsemmija titwaħħal *barrier* mal-bankina bħala protezzjoni min vetturi kbar li qed ikunu ta' periklu kostanti huma u jduru ma din il-kantuniera. Is-Sindku irrimarka li din kienet diġa saret mill-ewwel Kunsill iżda din ma' dagħmitx ma' inġarret mill-vetturi kbar li jgħaddu.

## 4. Għażla ta' Segretarju Eżekuttiv

4.1 Il-perjodu sa meta wieħed setgħa jixħet l-applikazzjoni għalaq u min dawk kollha li xeħtuha ma hemm ħadd eliġibli peress li ħadd minn dawk li applikaw ma huma qegħdin fil-*pool* tas-Segretarji Eżekuttivi prospettivi.

## 5. Għoti tal-Offerti

5.1 Offerta FONQ 01/2012: *Reconstruction of footpath at Triq ta' Mulejja linking Multipurpose Hall, Convenience and Public Garden, Fontana.* Is-Sindku qal li l-Kunsill bagħat ittra ta' notifika lil Said Construction biex iġeddu l-garanzija biex jibdew ix-xogħol fuq il-bankina peress li dan irid jitlesta sat-8 ta' Diċembru 2012, inkella jintilfu l-fondi tal-iskema ta' aċċessibilta` fil-komunita`.
Il-Kunsill innotta li ċ-ċinta tal-ħajt li qed jinbena bil-ġebla tal-gagazza m'hix dritta u għalhekk ġie deċiż li l-Perit tal-proġett jiġi infurmat b'dan kollu u biex jieħu ħsieb li l-livelli jitranġaw.

5.2 Offerta FONQ 05/2012: *Non-Slip texture Hardstone Floor Tiles for external use for the publicly accessible roof of the Fontana Local Council Offices*. Is-Sindku fakkar li l-Kunsill diġa attenda għal-żewġ seduti marbuta ma' l-appell ta' din l-offerta li qed isir fid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

5.3 Offerta FONQ 08/2012: *Resurfacing of Triq Wied Siekel with tal-Qawwi paving stone* (Proġett ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea taħt il-Programm *European Agricultural Fund for Rural Development 2007-2013).* Is-Sindku informa l-Kunsill li beda x-xogħol fuq dan il-proġett din il-ġimgħa meta suppost tlesta sat-30 ta' Novembru 2012.

5.4 Il-Kunsill qabel li toħroġ kwotazzjoni għall-bibien tal-garaxxijiet issa li l-bini tagħhom tlesta. Il-bibien għandhom ikollhom l-istess disinn bħal dawk tal-ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, partikularment dak tas-Sala tal-Komunita`. Id-dettalji tekniċi għandhom isiru mill-Perit Gordon Vella.

5.5 Il-Kunsill qabel ukoll biex toħroġ kwotazzjoni għal erba` fanali bħalma hemm fi Triq il-Għajn biex jitwaħlu f'diversi toroq madwar il-Fontana. Id-dettalji tekniċi għandhom isiru min *Galea Curmi Engineering Consultants Ltd.* Ġie maqbul ukoll li l-bibien jistgħu jinżebħu mill-ħaddiem tal-Kunsill.

5.6 Sar qbil ukoll biex jinxtara l-*bricks* li hemm bżonn kif ukoll jsir il-*membrane* għal-fuq il-bejt tat-Tielet Fażi taċ-Ċentru Ċiviku. Ġie deċiż li l-membrane isiru mill-kuntrattur ta' din il-fażi. Rigward il-*bricks*, il-Kunsill qabel ukoll biex dan jitpoġġa mis-Sur Tarcisio Xerri, l-istess bajjad li qed jagħmel xi xogħolijiet fuq it-Tieni Fażi taċ-Ċentru Ċiviku.

5.7 Il-Kunsill qabel ukoll li l-kisi tal-garaxxijiet flimkien mat-tikħil u l-brix tal-faċċata jingħataw lis-Sur Tarcisio Xerri. Il-Kunsill qabel.

5.8 Sar qbil ukoll li x-xogħolijiet tad-dawl u l-ilma tat-Tieni Fażi taċ-Ċentru Ċiviku jingħataw lis-Sur Chris Gauci u lis-Sur Alex Gatt rispettivament.

5.9 Waqt il-laqgħa tal-Kunsill ġie approvat li jinxtara apparat ġdid tal-logħob għal-*Playingfield* fejn nbniet it-tielet fażi taċ-Ċentru Ċiviku.

## 6. <u>Mistoqsijiet</u>

6.1 Is-Sindku staqsa jekk il-Kunsill irċiviex xi risposta għall-ittra mibgħuta lill-Ministru għal-Għawdex dwar il-fanali dekorattivi *energy saving* u *environmentally friendly* għat-torq li fadal. L-Aġent Segretarju informa l-Kunsill li sa issa kien għadu ma irċieva l-ebda risposta`.

## 7. <u>Approvazzjoni ta' Kontijiet</u>

7.1 Ċedola ta' pagamenti annessa. Il-Membri lkoll qablu li jsiru l-pagamenti murija fiċ-Ċedola annessa.

## 8. <u>Mozzjonijiet</u>

8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

## 9. Materji Oħra

9.1 Sar meeting mal-Green MT fuq il-Kuntratt għas-snin 2013-2014. Ir-rapreżentanti tal-Green MT talbu biex jekk il-Kunsill jaqbel ma ftehim preliminari ippreżentat waqt il-laqgħa, l-iffirmar huwa mitlub li jsir sa mhux aktar tard mill-20 ta' Diċembru 2012.

Is-Sindku talab biex qabel ma jsir xi tip ta' iffirmar, l-Green MT għandha tgħaddi l-pagamenti ta' kull ġimgħa li huma dovuti lill-Kunsill u imbagħad wieħed jimxi min hemm.

9.2 Intbagħtet l-applikazzjoni għal-attivitajiet kulturali għas-sena 2013. Il-Kunsill talab €22,000 għal-festival tan-nar li huwa maħsub li jsir lejliet il-Festa tal-Qalb ta' Ġesu.

9.3 Il-Korporazzjoni EneMalta taw l-approvazzjoni biex jitwaħħlu l-fanali fit-tarf ta' Triq ta' Mulejja, it-tlett fanali fi Triq il-Għajn kif ukoll il-bozoz wara l-loġoġ maġenb l-Għajn il-Kbira. Rigward l-*floodlights* tar-Replika` tal-Għajn tal-Loġoġ ġie deċis li dawn ma jitwaħlux għalissa peress li t-triq hija magħluqa.

Issa jmiss il-Kunsill li jwaħħalhom biex b'hekk il-Korporazzjoni tkun tista tagħti d-dawl ħalli jibdew jixgħelu.

9.4 L-Arċipriet u l-Kleru tal-Knisja tal-Qala qed jistiednu l-Kunsill biex jattendi għall-21 il-edizzjoni tal-*Gozo International Celebration – Christmas Edition* bit-tema *God is Love*. Din ser issir il-Ħadd 16 ta' Diċembru 2012 bejn is-6.30 u t-8.00 ta' fil-għaxija.

9.5 Il-Kunsill irċieva ukoll żewġ *CV's* ta' persuni li applikaw taħt l-iskema li ħareġ id-Dipartiment, dik ta' 'Inklużżjoni fil-Komunita` ta' Persuni b'Diżabilta`'. Dawn huma s-Sur Jacob Muscat u s-Sinjorina Christine Fenech. Sar qbil li jsir l-interview jsir f'qasir żmien.

9.6 Illum ġie l-inġinier is-Sur Johnny Zerafa bħala rappreżentant ta' proġett imniedi mill-Ministeru għall-Għawdex. Huwa għarraf il-Kunsill illi jekk ikun hemm bżonn ta' xi pariri fuq kif tiġi iffrankata l-enerġija, l-Kunsill jista` jitlob laqgħa miegħu peress li hu ġie assenjat ma dan il-Kunsill.

9.7 Ġie s-Sur Toni Cassar li tal-fond numri 189, 190 fi Triq il-Għajn li jinsab eżatt bejn il-bini tal-Kunsill. Huwa qal li qed jidħollu l-ilma min fejn il-fond tiegħu qed imiss mat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku u qed jitlob biex issir xi ħaġa ħalli dan ma jibqax iseħħ.

Il-Kunsill qabel biex il-ħaddiem tal-Kunsill jagħmel ftit sement mat-tarf min fejn jista jkun li qed jidħol l-ilma.

9.8 Ġie ukoll resident u talab biex jiġu irranġati żewġ ħofriet li hemm ftit il-fuq mill-knisja eżatti fejn Triq is-Sajjieda tinfed għal ma Triq il-Għajn.

9.9 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta t-*time-off* tas-Sur Joe Mercieca il-ħaddiem tal-kunsill għax-xahar ta' Novembru. Dan


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

jammonta għal-16.30 u qed jitressaq għal-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

9.10 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv kellem lis-Sur Francis Galea li joqgħod fil-fond numru 52 fi Triq l-Isptar San Ġiljan rigward ir-rampa li għamel u konsegwenza ta' hekk ġie mgħotti l-*culvert* li kien hemm biex jilqa l-ilma tax-xita. Huwa qal li t-toqba li ingħalqet kienet dik tal-*culvert* l-antik u mhux dak tal-ġdid jiġifieri ma tagħmel l-ebda differenza għal l-ilqugħ ta' l-ilma tax-xita.

Is-Sur Galea qal ukoll li waqt li jifhem li l-Kunsill aċċetta li din titgħatta bi pjanċa fix-xhur tas-Sajf, irid ukoll li l-grada li hemm quddiem tal-ġar tiegħu, terġgħa tinfetaħ mill-ġdid bħalma kienet qabel ma saret dik il-parti tat-Triq. Il-Kunsill qal li dak ix-xogħol ma sarx mill-Kunsill u jekk kienu saru xi nuqqasijiet, dawn ma sarux minhom.

9.11 Is-Sindku talab biex il-Kunsill jara jekk jaqbilx li l-kompjuter li hemm bżonn, għandux jiġi akwistat billi jew jinkera` jew jinxtara, skond liema għażla issir. Il-Kunsill qabel.

9.12 Il-Kunsilllier is-Sur Horace Micallef irrimarka li qabel ma jitkomplew ix-xogħolijiet fuq it-Tielet Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, hemm bżonn li jiġi irranġat l-*armoured cable* li jgħaqqad il-pannelli fotovoltajiċi mas-sistema tad-dawl.

9.13 Saret ħarġa soċjo-kulturali għar-residenti tal-Fontana f'Malta. Saret żjara fil-kastell Sant'Anġlu u fil-*Maritime Museum*. Kien hemm ukoll ftit ħin liberu fil-Belt Valletta. Wara, l-ħarġa kompliet fuq il-*Breakwater* tal-Port il-Kbir. Saret żjara wkoll f'Delimara u diversi nħawi oħra tal-kampanja Maltija. Attendew 28 persuna fosthom is-Sindku.

9.14 Għal-darba oħra l-lokalita` tal-Fontana ġarbet traġedja oħra bl-isplużżjoni tal-kamra tan-nar "Qalb ta' Ġesu Fontana Brothers Fireworks Factory" fl-Għarb. Tilfu ħajjithom erba' persuni fosthom tnejn minnhom mil-Fontana li huma s-Sur George Gatt u s-Sur Ġużepp Cini ta' 55 u 75 sena rispettivament . L-oħrajn huma is-Sur Mario Gauci mill-Munxar ta' 57 sena kif ukoll is-Sur Brian Portelli ta' 23 sena min-Nadur Għawdex.

9.15 Is-Sindku ntalab jagħti il-kummenti tiegħu dwar it-traġedja tal-kamra tan-nar fil-programm tal-P.B.S. TVAM, għal-aħbarijiet ta' NET TV u l-programm NEWS ROOM kif ukoll għall-gazzetta In-Nazzjon.

9.16 Waqt ix-xogħol fi Pjazza l-Għejun waqt il-bini ta' triq ix-Xlendi nstab l-ilma mitluf tal-Għajn il-Kbira li huwa f'ammont sostanzjali. Dan kien ntilef waqt xogħolijiet min kuntrattur madwar 20 sena ilu. Dan ser jerġa jiġi iddireġut għall-miżiep tal-Għajn il-Kbira.

9.17 Il-kunsillier is-Sur Horace Micallef attenda għal-laqgħa plenarja tal-kunsilliera organizzata mil-Assoċċazzjoni tal-Kunsilli Lokali fil-Lukanda *Dolmen Resort* fil-Qawra.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

9.18 Is-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv u l-kunsilliera Lorry Apap, Victor Cefai u Horace Micallef attendew għall-funeral tas-Sur Ġużepp Cini u tas-Sur George Gatt li tilfu ħajjithom fl-isplużżjoni tal-kamra tan-nar "Qalb ta' Gesu Fontana Brothers Fireworks Factory" l-Għarb fl- 4 ta' Novembru 2012. Sar ukoll bukkett fjuri tal-okkażżjoni. Għal dan il-funeral attendew ħafna nies.

9.19 Is-Sindku, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv u l-Avukat tal-Kunsill attendew għal-ewwel laqgħa tal-Bord tal-Appell fid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-Offerta taċ-ċangatura tal-ġebla tal-qawwi għal-bejt tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku.

9.20 Għar-raba` darba ingħatat it-tilqima tal-Influwenza mil-Kunsill. Is-Sur Alfred Xerri ma aċċettax li bħas-soltu jagħti t-tilqima, għalhekk ġie imqabbad is-Sur Darren Briffa li joqgħod il-Fontana.

9.21 Is-Sindku u l- Aġent Segretarju Ezekuttiv kellhom laqgha mas-sur Tony Coleiro dwar kif jista jiżdied it-turiżmu fil-Gżira ta' Għawdex fix-xhur tax-Xitwa bil-kollaborazzjoni tal-Lokalitajiet.

9.22 Is-Sindku ippropona biex il-Kunsill jagħmel ħdax il-arblu tal-ħadid għat-tiżjin tal-Milied fit-Toroq John Gaspard Le Merchant u Kardinal Alessandru Franchi peress li sal-lum il-Kunsill kien jissellef tal-parroċċa. Dawn issa jistgħu jitqegħdu fil-garaxxijiet li bena il-Kunsill. Ġie propost ukoll biex ix-xogħol fuqhom isir min Pupul Attard. Il-Kunsill qabel.

9.23 Dwar it-tiġdid tal-applikazzjoni tat-tindif tal-Wied tax-Xlendi, is-Sindku qal li din għadha fil-proċess ta' *screening*.

9.24 Is-Sindku ippropona ukoll li issir iż-żebgħa ta' l-irħama tal-inawgurazzjoni tat-toroq John Gaspard Le Merchant u Kardinal Alessandru Franchi kif ukoll tal-*Belveder* ta' Triq ta' Mulejja.

## 10. <u>Jum il-Fontana 2012</u>

10.1 Minħabba l-inċident tal-kamra tan-nar li tnejn mill-vittmi inzertaw min din il-lokalita`, ġie deċis li bħala turija ta' rispett l-attivitajiet li jsiru f'Jum il-Fontana fil-bidu ta' Diċembru, jiġu posposti għal-aħħar ta' Jannar tas-sena d-dieħla. Kulma ser isir hu l-quddiesa fis-6.00p.m. ta' radt il-ħajr u li ser tiġi offruta għal-istess vittmi.

Il-laqgħa spiċċat fit-7.45p.m. u sar qbil li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar it-28 ta' Diċembru 2012, fil-5.30p.m.

| | |
|---|---|
| Louis Stefan Magrin | Saviour Borg |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | Sindku |


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555